MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 117/2013

**Gloria Beacom u Henriette Vella Bardon, aħwa Calleja Urry**

**vs**

**Alfred Camenzuli flimkien ma' martu Tania Camenzuli u ibnu Justin Camenzuli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi preżentat fil-5 ta' Frar 2013 fejn ġie premess:

Illi l-esponenti huma l-proprjetarji tal-fond konsistenti f'appartament internament markat bin-numru tnejn (2) fil-korp t'appartamenti bin-numru mitejn u ħmistax (215), Triq l-Ifran, Valletta.

Illi dan il-fond kien ġie assenjat lill-omm l-eponenti Maria Antonia magħrufa bħala Maruzza Calleja Urry, armla minn Oscar Calleja Urry, bis-saħħa ta' kuntratt ta' diviżjoni ppublikat minn Nutar Tonio Spiteri fis-17 ta' Jannar 1989.

Illi Maruzza Calleja Urry mietet fl-20 ta' Lulju 2011 u l-esponenti huma l-uniċi eredi tagħha kif nominati bis-saħħa ta' testment riċevut minn Nutar Remigio Zammit Pace fid-19 t'Ottubru 1971 u ieħor riċevut minn Nutar Clyde La Rosa fl-4 t'Ottubru 2006. Kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* ippubblikata fil-15 ta' Diċembru 2011 hija annessa bħala Dok B flimkien ma' kopja ta' dikjarazzjoni dwar min huma l-eredi magħmula mill-istess Nutar datata 7 ta' Diċembru 2011 esebita bħala Dok C.

Illi l-intimat Alfred Camenzuli kien żmien ilu daħal u okkupa l-fond mingħajr il-kunsens tas-sid Maruzza Calleja Urry. Sussegwentement u wara li nfetħu proċeduri ġudizzjarji kontrih biex jiġi żgumbrat, inħarget ordni ta' rekwiżizzjoni (numru RO 14364 maħruġ 19 ta' Marzu 1987) bis-saħħa tal-Artikolu 3 tal-Kap 125 Liġijiet ta' Malta mid-Dipartiment tal-*Housing* favur l-istess intimat Alfred Camenzuli u kontra s-sid Maruzza Calleja Urry fil-mori tal-proċeduri u għalhekk il-Qorti ċaħdet it-talba *stante* li l-pussess legali kien vestit fl-istess dipartiment.

Illi kemm Maruzza Calleja Urry, kif ukoll l-esponenti wliedha wara l-mewt tagħha, qatt ma rrikonnoxxew lill-intimat Alfred Camenzuli

bħala nkwilin u qatt ma aċċettaw kera jew xi natura ta' kumpens ieħor mingħandu.

Illi fil-31 ta' Mejju 2011 l-Awtorita' tad-Djar ħarġet Ordni ta' Derekwiżizzjoni fuq il-fond 215 appartament numru 2, Triq l-Ifran, Valletta.

Illi għalhekk illum-il ġurnata l-intimati ma għandhom assolutament l-ebda titolu validu fil-liġi biex jibqgħu jokkupaw dan il-fond proprjeta' tal-esponenti.

Illi b'ittra uffiċjali ppreżentata fil-25 t'Otturu 2012 (numru 3298/2012) l-esponenti nterpellaw lill-intimati jiżgumbraw mill-fond 215/2 Triq l-Ifran, Valletta u jikkonsenjaw iċ-ċwievet lill-mittenti.

Illi b'ittra uffiċjali responsiva ppreżentata u maħlufa fil-5 ta' Novembru 2012 (fis-1:00 p.m.) l-intimat Alfred Camenzuli f'ismu proprju u f'isem martu u wliedu allega li l-esponenti ma għandhom ebda jedd li jitolbu lill-intimati jiżgumbraw mill-appartament indikat u żammhom responsabbli *inter alia* għad-danni kollha li sofra, qed isofru u / jew għad jista' jsofri.

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant u prevja kull dikjarazzjoni opportuna, l-esponenti jitolbu bir-rispett kollu li dina l-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara li wara l-ħruġ tal-Ordni ta' Derekwiżizzjoni bid-data 31 ta' Mejju 2011, l-intimati tilfu kull dritt li jkomplu jokkupaw il-fond 215, appartament numru 2, Triq l-Ifran, Valletta u li għalhekk qegħdin jokkupaw l-istess fond illegalment.

2. Tordna lill-intimat jiżgumbraw u jneħħu ħwejjiġhom kollha mill-istess fond fi żmien qasir u perentorju li għandha tiffissa dina l-Qorti.

3. Tillikwida, anke permezz ta' periti, id-danni dovuti mill-intimati favur l-esponenti tal-okkupazzjoni llegali tagħhom b'effett mill-1 ta' Ġunju 2011, data tal-Ordni ta' Derekwiżizzjoni sad-data tar-rilaxx effettiv.

4. Tikkundanna lill-intimati solidament bejniethom iħallsu lill-esponenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati solidament bejniethom inġunti minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti preżentata fil-5 ta' Marzu 2013 li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. Illi fl-ewwel lok bħala eċċezzjoni r-rikorrenti / atturi Gloria Beacom: I.D. Number 287360M personalment u oħtha Henriette Vella Bardon: I.D. Number 314453M, aħwa Calleja Urry għandhom jipprovdu dokumentazzjoni awtentika u li ma tistax tiġi kkontestata li huma tabilħaqq il-proprjetarji tal-fond konsistenti f'appartament internament mmarkat bin-

numru tnejn (2) fil-korp t'appartamenti bin-numru mitejn u ħmistax (215), fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta.

2. Illi fit-tieni lok l-eċċezzjoni preliminari ta' nullita' minħabba li r-rikorrenti / atturi jidher li t-tnejn li huma miżżewġin u għaldaqstant skont il-liġi wara li jsiru l-provi fl-eċċezzjoni preliminari fil-paragrafu preċedenti, kellhom jiġu nvoluti fil-kawża ż-żwiġijiet ossia l-konsorti rispettivi tagħhom, u dan għal kull buon fin fil-fatt u fid-dritt.

3. Illi bħala eċċezzjoni di natura preliminari wkoll għandu jiġi kkonfermat skont il-liġi bħala dokument awtentiku d-dokument immarkat bħala 'A' ippubblikat min-nutar Dr Tonio Spiteri allegatament nhar is-17 ta' Jannar, tas-sena 1989 peress illi d-dokumenti li rċieva l-esponenti Alfred Camenzuli li qed jaħlef din ir-Risposta Ġuramentata kif ukoll il-mara tiegħu u binhom Justin Camenzuli ma ġew notifikati b'ebda dokument li jirriżulta li huwa awtentikat bħala vera kopja ta' l-oriġinal u kkonfermat min-nutar li rrediġieh ossia n-Nutar Pubbliku Malti Dr Tonio Spiteri u dana nkluż id-diversi dokumenti ndikati mad-dokument 'A' u dana biex kollox ikun konformi u korrett skont il-liġi.

4. Illi *in linea preliminari* wkoll u strettament mingħajr preġudizzju qegħda tiġi sottomessa l-preskrizzjoni peress illi l-familja Camenzuli ilha tirrisjedi fil-fond *de quo* mill-bidu tas-sena 1987 u fejn allura għaddew aktar minn sitta u għoxrin (26) sena li l-familja Camenzuli ilha tirrisjedi f'dan il-fond *de quo* a bażi tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni Numru 14364 li kienet ħarġet nhar id-19 ta' Marzu, tal-1987: kwindi eċċezzjoni *in linea preliminari* ta' akkwist ta' post anke bi preskrizzjoni fiċ-ċirkustanzi.

5. Illi jrid jiġi ppruvat b'dokumentazzjoni awtentiċi l-kontenut tat-tielet premessa fir-Rikors Ġuramentat tar-rikorrenti / atturi fir-rigward tal-mewt ta' Maruzza Calleja Urry nhar l-20 ta' Lulju, 2011, dwar il-fatt li Maruzza Calleja Urry hija

tabilħaqq l-indikata Maria Antonia u dan b’ dokumenti sostenibbli skont il-liġi u dana fl-inkwadratura tal-kontenut tat-tielet premessa fir-rikors ġuramentat tal-atturi fl-ewwel faċċata tar-Rikors Ġuramentat tagħhom.

6. Illi fir-rigward tar-raba’ premessa tar-rikorrenti / atturi dina hija assolutament ikkontestata minħabba li ma huwa minnu xejn li l-intimat /konvenut Alfred Camenzuli: I.D. Number 0462769M daħal u okkupa l-fond mingħajr il-kunsens tas-sid Maruzza Calleja Urry, u dana peress illi skont il-liġi li kienet viġenti f’dak iż-żmien, fuq il-fond *de quo* Numru 215, Appartament Numru 2, fi Triq l-Ifran ġewwa l-Belt Valletta kienet inħarġet mill-awtoritajiet kompetenti Ordni ta’ Rekwiżizzjoni li ġġib in-Numru wieħed – erbgħa – tlieta – sitta – erbgħa (14364) nhar id-dsatax ta’ Marzu tal-elf disa’ mija sebgha u tmenin (19/03/1987) li skont kalkolu sempliċi matematiku jfisser ċar li l-familja tal-intimat / konvenut Alfred Camenzuli (li llum għandu l-eta’ ta’ tlieta u erbghin sena – 43 sena) kellu titolu validu skont il-liġi enforzabbli fl-1987 li jidħol jirrisjedi fil-fond *de quo* li allura jfisser illi l-intimat / konvenut Alfred Camenzuli u l-mara tiegħu u t-tliet uliedu kienu qegħdin jirrisjedu f’residenza (l-uniku residenza tagħhom) skont il-liġi, u peress illi l-Ordni ta’ Rekwiżizzjoni kienet fuq il-fond 215, Appartament Numru 2, Triq l-Ifran il-Belt Valletta kienet tkopri u tipproteġi lill-familja kollha Camenzuli fejn illum odjernament minn familja ta’ ħamsa għad hemm erbgħa minn din il-familja, erba’ ndividwi, il-konjuġi Camenzuli u ż-żewġ subien tagħhom jirrisjedu hemm, u li din hija l-unika residenza li għandhom.
7. Illi l-ħames premessa tar-rikorrenti / atturi, salv l-eċċezzjonijiet *in linea preliminari* illi diga’ gew sollevati fl-eċċezzjonijiet preċedenti, qedgħin jammettu li l-intimat / konvenut Alfred Camenzuli llum ta’ tlieta u erbgħin sena, kellu titolu validu skont il-liġi li jirrisjedi fil-fond *de quo* flimkien mal-familja tiegħu, u li kif jiġi mfisser fil-mori tal-kawża l-kera li ma ġiex aċċettat kien jiġi depożitati taħt l-Awtorita’ tal-Qorti u d-diversi dokumenti u depożiti li saru sejrin ukoll jiġu esebiti fil-mori tal-kawża bħala evidenza ta’ dan.

8. Illi għaldaqstant il-ħames, is-sitt, u s-seba’ premessi tar-rikorrenti / atturi ma humiex korretti bil-mod kif jimpustaw il-fatti fir-rigward tal-intimati u l-konvenuti billi l-intimati / konvenuti kellhom titolu validu skont il-liġi kif jiġi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawża u l-fatt indikat fis-sitt premessa fit-tieni faċċata tal-kawża tar-rikorrenti / atturi bl-ebda mod ma jfisser jew jista’ jiġi mplikat il-konklużjoni fis-seba’ premessa billi jekk kien hemm titolu validu effettiv mid-19 ta’ Marzu tas-sena 1987, jiġifieri sitta u għoxrin sena ilu, il-fatt li l-liġi setgħet inbidlet din ma tistax tkun applikata retroattivament kif tgħallimna din il-wisq Onorabbli Qorti, u allura ma huwa minnu xejn dak ritenut fis-seba’ premessa billi ġjaladarba kien hemm titolu validu skont il-liġi kif jiġi ppruvat b’dokumentazzjoni li ma tistax tikkontestaha sa mid-19 ta’ Marzu tal-1987, anke jekk effettivament l-Ordni ta’ Rekwiżizzjoni ġiet meqjusa mħassar minn xi awtorita’ li ssuċċediet id-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali kif kien magħruf fl-1987 u s-snin ta’ wara, bl-ebda mod ma jfisser illi għax tħassret dik l-ordni ma kienitx valida r-Rekwiżizzjoni Numru 14364 tad-19 ta’ Marzu ta’ l-1987, u dan apparti mis-sottomissjoni tal-preskrizzjoni, prova tat-titolu da parti tar-rikorrenti / atturi, u fuq kollox id-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-familja Camenzuli li ilha tirrisjedi bħala r-residenza ordinarja tagħha fil-fond *de quo* għal iktar minn sitta u għoxrin sena billi effettivament kif jirriżulta mill-mori tal-kawża l-ewwel ftehim kien seħħ permezz ta’ qbil mas-Segretarju tad-Djar ta’ dawk iż-żminijiet, ossia Numru Referenzjali: HD 2079/86, u kwindi l-premessi numru ħamsa, sitta, u sebgħa, ma għandhom ebda validita’ bħala stat ta’ fatt, u mil-lat ta’ liġi għar-rigward tat-titolu validu li għad għandu l-intimat / konvenut Alfred Camenzuli u l-familja tiegħu.

9. Illi fir-rigward tat-tmienja u tad-disa’ premessi, f’paġna 2 tar-Rikors Ġuramentat tal-atturi, l-istess rikorrenti / atturi qed jikkonfermaw illi l-intimati / konvenuti dejjem sostnew li huma kellhom titolu validu skont il-liġi, u dana a bażi tal-fatti li diġa’ qed jirriżultaw lil din il-wisq Onorabbli Qorti kif ukoll dokumentazzjoni ulterjuri li sejra tiġi esebita fil-mori ta’ din il-kawża, apparti x-xhieda li qed jiġu ndikati kollha biex

jikkonfermaw dak illi l-intimat / konvenut Alfred Camenzuli: I.D. Number 0462769M qiegħed jikkonferma bil-ġurament f'ismu proprju.

10. Illi għaldaqstant fiċ-ċirkustanzi ma kellhiex għalfejn issir din il-kawża għal raġunijiet fattwalment u legalment fondati li qedgħin jiġi skjerati quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti u li ma jħallu ebda dubju fl-ewwel lok li ebda liġi ma tista' tiġi affettwata b'mod retroattiv u li għaldaqstant sa mid-19 ta' Marzu tas-sena elf, disa' mija sebgħa u tmenin (19 ta' Marzu 1987) l-intimati / konvenuti kellhom titolu validu skont il-liġi, fit-tieni lok minħabba t-trapass tas-snin ossia iktar minn sitta u għoxrin sena fejn allura hemm anke l-element tal-preskrizzjoni, għall-fatt illi l-intimati / konvenuti onoraw il-ftehim illi kien seħħ mad-Dipartiment tad-Djar ukoll nhar l-4 ta' Marzu tas-sena 1987, u dana wara applikazzjoni mis-Segretarju tad-Djar, HD: 2079/86 dejjem fir-rigward tal-fond *de quo,* u finalment illi l-istess Awtorita' tad-Djar ikkonfermat illi l-fond *de quo* kien kolpit b' Ordni ta' Rekwiżizzjoni (ara d-dokument datat 14 ta' Ottubru tas-sena 2008) u li l-Ordni ta' Rekwizizzjoni ġiet mħassar biss nhar il-31 ta' Mejju 2011, u li allura bl-ebda mod ma tista' t-titolu validu li kellu l-intimat / konvenut Alfred Camenzuli u l-familja tiegħu ma jista' jingħad li ma kellhomx titolu validu skont il-liġi.
11. Illi fir-rigward tal-ewwel talba din il-wisq Onorabbli Qorti bir-rispett kollu ma tistax tiddikjara li l-intimati *"tilfu kull dritt li jkomplu jokkupaw il-fond 215, Appartament Numru 2, fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta u li għalhekk qedgħin jokkupaw l-istess fond illegalment"* u dana billi l-Ordni ta' Derekwiżizzjoni datata 31 ta' Mejju tas-sena 2011, ma setgħet qatt tiġi applikata retroattivament kif din il-Qorti tgħallimna billi kieku dan kellu jsir ikun hemm ksur vjolenti ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-intimati / konvenuti, ikun hemm ksur ta' l-Ordinament Ġuridiku li jirregola l-liġijiet ta' Malta u l-istruttura tal-Ġustizzja, apparti mill-fatt illi jinħoloq preċedent li jaffettwa lil eluf ta' ċittadini Maltin u Għawdxin u li Ordni ta' Derekwiżizzjoni kif tgħallimna din il-wisq Onorabbli Qorti ma ssirx fuq il-persuni imma ssir fuq il-fond *de quo* u allura hija applikabbli fil-każ li dawk il-fondi partikolari jkunu vakanti u li ma jistgħux jiġi Rekwiżizzjonati imma mhux li fond li kien

rekwiżizzjonat numru ta' snin sostanzjali qabel bħal każ odjern, anke jekk inħarġet Derekwiżizzjoni fuq il-fond *de quo* xorta dan ma jfissirx li l-intimati / konvenuti ma kellhomx u għad għandhom titolu validu skont il-liġi: u din apparti mill-kwistjoni tal-preskrizzjoni u għalhekk din il-wisq Onorabbli Qorti għandha tirrespinġi l-ewwel talba.

12. Illi *se segwe* li t-tieni, it-tielet, u r-raba' talba tar-rikorrenti / atturi allegatament aħwa Calleja Urry (u dan peress li jridu jinġabu provi f'dak ir-rigward li mhumiex fl-atti proċesswali li bihom ġie notifikat l-intimat / konvenut Alfred Camenzuli u l-mara tiegħu u t-tifel il-kbir tiegħu) dawna t-talbiet ossia t-tieni u t-tielet ukoll għandhom jiġu miċħuda u respinti u fir-rigward tar-raba' talba, l-intimati / konvenuti sejrin jagħmlu l-kontro-talbiet tagħhom biex iżommu responsabbli lill-atturi / rikorrenti għad-danni kollha nkluż l-ispejjeż, l-iskariġġ u l-istrapazz li l-intimati / konvenuti sofrew, qedgħin isofru u għad jistgħu jsofru minħabba li huwa ċar li l-intimati / konvenuti aġixxew skont il-liġi viġenti fl-1986 u għat-titolu li ngħataw fid-19 ta' Marzu 1987, u li a bażi ta' dak it-titolu huma dejjem onoraw dawk il-kundizzjonijiet li kellhom isegwu u dan sejjer jiġi pruvat u għalhekk fiċ-ċirkustanzi sejrin isiru wkoll il-kontro-talbiet fir-rigward tar-rikorrenti / atturi aħwa Calleja Urry.

13. Illi fiċ-ċirkustanzi, l-ispejjeż kollha abbinati ma' dawn il-proċeduri, direttament u / jew indirettament għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti / atturi aħwa Calleja Urry.

14. Salvi eċċezzjonijiet oħra ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti li permezz tagħha ppremettew:

Illi l-intimati / konvenuti Alfred Camenzuli: I.D. Number 0462769M f'ismu proprju u għan-nom ta' ibnu minuri Danilo Owen Camenzuli li twieled nhar il-25 ta' Diċembru tal-1998, illum ta' erbatax-il sena

u li għandu n-Numru tal-Karta tal-Identita' 475598M flimkien mal-mara tiegħu Tania Camenzuli: I.D. Number 0493469M u binhom Justin Camenzuli: I.D. Number 0181391M jagħmlu referenza għar-Rikors Ġuramentat ta' Gloria Beacom: I.D. Number 287360M u oħtha Henriette Vella Bardon: I.D. Number 314453M li ġew notifikati bir-Rikors Ġuramentat tagħhom f'jum il-Ġimgħa, l-1 ta' Marzu 2013. Peress illi qed issir din ir-referenza u l-intimati / konvenuti ndikati qegħdin fiċ-ċirkustanzi jutiliżżaw ir-Rikors Ġuramentat tal-aħwa Calleja Urry biex a bazi tiegħu huma jagħmlu l-Kontro-Talbiet illi issa sejrin isegwu.

Illi jirriżulta manifestament li kien hemm Ordni ta' Rekwiżizzjoni li ġġib in-Numru Referenzjali 14364 datata 19 ta' Marzu tal-1987 u li din kienet tirrigwarda l-fond immobiljari Numru 215, Appartament Numru 2, fi Triq l-Ifran, ġewwa l-Belt Valletta.

Illi jirriżulta manifestament illi l-Intimati kif indikati u kif imfissra kellhom skont il-Liġijiet ta' Malta u partikolarment a bażi tal-Att tal-1949 dwar id-Djar, kellhom titolu validu fil-Liġi li jistgħu jirrisjedu u jgħixu, kif għamlu għal dawn l-aħħar sitta u għoxrin sena, fil-fond Numru 215, Appartament Numru 2, fi Triq l-Ifran ġewwa l-Belt Valletta u l-partijiet komuni tiegħu.

Illi jirriżulta manifestament  illi ma hemm ebda kontestazzjoni anke kif ammess mill-istess rikorrenti / atturi li l-intimati ma kellhomx titolu validu skont il-liġi li jirrisjedu f'dan il-post u li huwa ħsieb totalment fallaċi li rraġuna li għax ħarġet l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni fuq il-fond ġja' ndikat, b'hekk ifisser li legalment l-intimati tilfu t-titolu tagħhom validu skont il-liġi li jibqgħu jirrisjedu fil-fond *de quo*, u dana apparti mis-sottomissjoni tal-preskrizzjoni li diġa' ġiet sollevata fl-eċċezzjonijiet *in linea preliminari* li diġa' ġiet sottomessa suespost.

Illi huwa ben saput illi ma jista' jkun hemm applikabbli ebda retroattivita fil-każ odjern u illi kieku għal grazzja tal-argument il-Qorti kellha tiddeċiedi u tiddetermina li dana huwa l-każ, se tkun hemm vjolazzjoni tal-Ordinament Ġuridiku stabbilit mill-Qrati tal-Ġustizzja Maltin dwar il-prinċipju tar-retroattivita', apparti li jkun hemm ksur ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu li fid-demokrazija tagħna anke bħala pajjiż Membru sħiħ fl-Unjoni Ewropeja kulħadd għandu d-dritt għar-residenza tiegħu u kulħadd għandu jkollu l-protezzjoni tal-liġi biex tħarsu fir-residenza tiegħu u għaldaqstant ir-rikorrenti / atturi m'għandhom ebda dritt li jitolbu lil din il-wisq Onorabbli Qorti biex tiddikjara li bl-Ordni ta' Derekwiżizzjoni datata 31 ta Mejju 2011, l-intimati b'hekk ġew li tilfu kull dritt li jkomplu jokkupaw il-fond 215, Appartament Numru 2, fi Triq l-Ifran il-Belt Valletta u li għalhekk huma qegħdin jokkupaw l-istess fond illegalment.

Illi hawn għandna konfużjoni tad-differenza bejn stat ta' liġi, katina ta' fatti li mhumiex kontestati, u ħruġ ta' ordni ta' Derekwiżizzjoni li bl-ebda mod ma affettwat il-legalita' tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni ta' nhar id-19 ta' Marzu tal-1987.

Illi l-Ordni ta' Derekwiżizzjoni ħarġet fuq il-fond *de quo* u bl-ebda mod ma ddikjarat illi t-titolu validu skont il-liġi tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni Numru 14364 tad-19 ta' Marzu tal-1987 kienet jew saret nulla u nvalida jew id-drittijiet tat-titolu tal-Intimati familja Camenzuli b'xi mod ġew terminati.

Illi għaldaqstant l-erba' talbiet tar-rikorrenti / atturi għandhom jiġu respinti u miċħuda u l-istess rikorrenti / atturi għandhom jiġu miżmuma responsabbli għad-danni kollha nkluż l-ispejjeż ġudizzjarji u extra ġudizzjarji sofferti mill-familja Camenzuli, li qegħdin isofru u li għad jistgħu jsofru.

Illi wkoll hemm il-kwistjoni legali ġja' sollevata fl-eċċezzjonijiet *in linea preliminari* tal-preskrizzjoni u għaldaqstant ir-rikorrenti / atturi qegħdin jiġu miżmuma kompletament responsabbli għal kwalsiasi forma ta' danni li kkonstrinġew lill-intimati / konvenuti li jsofru mingħajr ebda ġustifikazzjoni la a bażi ta' fatti u lanqas a bażi ta' liġi.

Illi din il-wisq Onorabbli Qorti hija mitluba umilment tirreferi għas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Ċivili) ippreseduta mis-Sinjorija tiegħu l-Professur Giuseppe Mifsud Bonnici bħala President, u li għadu ħaj, l-Onorevoli Mhallef Joseph A. Herrera llum il-mibki Viċi President tal-Qorti tal-Appell kif kienet is-sistema dak iż-żmien, u l-Onorevoli Carmel A. Agius li għadu Mħallef prattikanti f'The Hague l-Olanda, sentenza li ngħatat fis-seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu tal-1991, Ċitazzjoni Numru 959/87 fl-ismijiet: **"Mary sive Maruzza Calleja Urry, Gloria Calleja Urry u Henriette Vella Bardon -vs- Alfred Camenzuli"** li kif intqal ngħatat nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu tal-1991 ossia tnejn u għoxrin sena ilu u dan proprju fuq kawża li kienet bdiet sitta u għoxrin sena ilu meta l-intimat Alfred Camenzuli u l-atturi Mary *sive* Maruzza Calleja Urry illum mejta u wliedha bniet Gloria Calleja Urry u Henriette Vella Bardon li huma r-rikorrenti / atturi odjerni, kienu ġja' jafu bl-Ordni ta' Rekwiżizzjonar fuq il-fond *de quo* għad illi anke dak iż-żmien pruvaw iqarrqu bil-Qorti kif kopja ta' din is-Sentenza fil-mument opportun sejra tiġi preżentata lil din il-wisq Onorabbli Qorti u fejn fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut Alfred Camenzuli dak iż-żmien irrefera u kien onest meta qal li l-fond *de quo* huwa rekwiżizzjonat.

Illi għandha ssir referenza wkoll għas-sentenza mogħtija dak iż-żmien mill-Onorevoli Mħallef Joseph Said Pullicino llum il-Prim Imħallef Emeritus Joseph Said Pullicino, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Ottubru tas-sena 1992,

fl-istess Ċitazzjoni Numru 959/87 fl-ismijiet: **"Mary sive Maruzza Calleja Urry, Gloria Calleja Urry u Henriette Vella Bardon -vs- Alfred Camenzuli"** fejn il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet ikkonkludiet *"għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiddikjara illi l-atturi m'għandhomx "locus standi" "In iudicio" u m' għandhomx dritt jippromwovu l-azzjoni minnhom tentata biex jirriprendu l-pussess tal-fond rekwiżizzjonat okkupat illegalment u abbużivament mill-konvenut."*

Illi għaldaqstant qegħdin isiru dawn il-Kontro-Talbiet.

Illi premess dan kollu, jgħidu r-rikorrenti / atturi ossia Gloria Beacom: I.D. Number 283760M u Henriette Vella Bardon: I.D. Number 314453M, aħwa Calleja Urry, għala din il-wisq Onorabbli Qorti m'għandhiex tiddeċiedi, tiddetermina, tiddikjara u tordna illi:-

1. Illi fl-ewwel lok iċ-ċitazzjoni ntavolata mill-aħwa Calleja Urry hija nulla minħabba l-fatt li ma daħlux bħala atturi l-konsorti rispettivi tal-aħwa femminili Calleja Urry u dan a bażi tal-eċċezzjonijiet *in linea preliminari* li ġew sollevati;

2. Illi mingħajr preġudizzju l-mertu tal-kawża ntavolata mill-aħwa Calleja Urry hija bla ebda bażi fattwali u legali minħabba l-fatti li jirriżultaw fir-risposta ġuramentata odjerna tal-intimati / konvenuti familja Camenzuli partikolarment li l-Ordni ta' Rekwiżizzjoni Numru 14364 tad-19 ta' Marzu tal-1987, *nonostante* li nħarġet notifika ta' Derekwiżizzjoni fuqha nhar il-31 ta' Mejju tas-sena 2011, bl-ebda mod m'affettwat il-legalita' tat-titolu tal-intimati / konvenuti li jibqgħu jirrisjedu fil-fond 215, Appartament Numru 2, Triq l-Ifran ġewwa l-Belt Valletta, u dana minħabba li n-notifika ta' Derekwiżizzjoni affettwat l-Ordni fuq il-fond 215, Appartament Numru 2, Triq l-Ifran ġewwa l-Belt Valletta fir-

rigward tal-istatus tal-fond *de quo* imma mhux fuq it-titolu legali li l-familja Camenzuli tibqa' tirrisjedi fil-fond *de quo* u dana minħabba l-validita' skont il-liġi tal-Ordni ta' Rekwiżizzjoni Numru 14364 tad-19 ta' Marzu tal-1987, il-prinċipju tar-retroattivita', u l-kunċett tal-preskrizzjoni u kwindi t-talbiet tar-rikorrenti / atturi aħwa Calleja Urry għandhom jiġu respinti a bażi ta' dawn is-sottomissjonijiet;

3. Għandha tiddikjara u tikkonferma li l-intimati / konvenuti familja Camenzuli qegħda tirrisjedi fil-fond *de quo* b'titolu validu skont il-liġi u li dan bl-ebda mod ma ġie affettwat bin-notifika ta' Derekwiżizzjoni li ħarġet fis-sena 2011 sia a bażi tal-prinċipju tan-non-retroattivita', kif ukoll anke a bażi tal-preskrizzjoni jekk huwa l-każ;

4. Illi f'kull każ din il-wisq Onorabbli Qorti fiċ-ċirkustanzi u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet *in linea preliminari*, għandha tordna jekk jiġu sodisfatti l-eċċezzjonijiet *in linea preliminari* li ġew sollevati mill-intimati / konvenuti familja Camenzuli, li jirrikonoxxi jekk huwa l-każ lill-intimati / konvenuti familja Camenzuli u dana minħabba t-titolu inaljenabbli validu li għandhom skont il-liġi u minħabba l-kunċetti ta' retroattivita' u preskrizzjoni u dana skont l-Ordinament Ġuridiku tar-Repubblika ta' Malta b'għarfien ukoll għad-drittijiet u libertajiet fundamentali għal residenza tal-intimati / konvenuti;

5. Illi fiċ-ċirkustanzi r-rikorrenti / atturi aħwa Calleja Urry għandhom jiġu miżmuma responsabbli għall-ispejjeż kollha u drittijiet kollha ġudizzjarji u extra ġudizzjarji li kkonstrinġew lill-intimati / konvenuti li jagħmlu iktar u iktar meta l-kap tal-familja Camenzuli ossia l-intimat / konvenut Alfred Camenzuli: I.D. Number 0462769M u huwa preżenzjalment disokkupat skont anke ma ġie ppruvat mir-rappreżentanti tal-Employment and Training Corporation li magħha huwa rreġistrat;

6. Illi għaldaqstant ukoll ir-rikorrenti / atturi aħwa Calleja Urry għandhom jagħmlu tajjeb għal kwalsiasi forma oħra ta' danni li jistgħu jirriżultaw a bażi tal-mori tal-kawża peress illi l-fond *de quo* huwa l-uniku residenza li għandhom l-intimati / konvenuti fuq liema residenza huma għandhom titolu validu skont il-liġi li jibqgħu jirrisjedu hemm u huwa biss in-nuqqas da parti tar-rikorrenti / atturi li ma fehmux li l-uniku triq għalihom huwa li jirrikonoxxi formalment lill-intimat / konvenuti u jirregolaw r-relazzjoni mal-intimati / konvenuti dwar ir-residenzjar tal-istess intimati / konvenuti fil-fond *de quo;*

7. Illi l-ispejjeż kollha abbinati ma' dawn il-proċeduri odjerni nkluż dawk tal-kontro-talbiet ukoll għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti / atturi aħwa Calleja Urry u dan għal raġunijiet ovvji fattwalment u skont il-liġi.

Rat il-listi tax-xhieda;

Rat ir-risposta tal-atturi għall-kontro-talba li permezz tagħha eċċepew:

Preliminarjament illi l-kontro-talba hija nulla u rritwali *stante* li: (a) ġiet proposta mill-intimati flimkien ma' persuna oħra, Danilo Owen Camenzuli, li m'huwiex indikat bħala intimat fir-rikors ġuramentat tal-esponenti u; (b) ma hemm l-ebda talba li hija awtonoma u li m'hix ġja' proposta bħala eċċezzjoni mill-intimati fir-risposta tagħhom.

Fil-mertu: (a) illi l-proprjeta' hija tal-esponenti biss in kwantu formanti parti mill-assi fil-wirt ta' ommhom Maria Antonia, magħrufa bħala Maruzza, Calleja Urry li tagħha huma l-uniċi żewġ eredi; (b) illi l-uniku relazzjoni li kellu l-intimat Alfred Camenzuli

kien mad-dipartiment responsabbli għal ħruġ tal-ordni ta' rekwiżizzjoni fiż-żmien li kienet viġenti l-istess ordni u l-fond kien ġie allokat lilu. L-esponenti ma għandhom assolutament l-ebda obbligu taħt ebda liġi jirrikonoxxu lill-intimati bħala nkwilini tagħhom; (c) illi l-effetti kollha tal-ordni ta' rekwiżizzjoni spiċċaw malli dina ġiet imneħħija fil-31 ta' Mejju 2011 u kwindi l-fond ma għadux fil-pussess legali tal-Awtorita' tad-Djar. Il-prinċipju tal-retroattivita' huwa għal kollox irrilevanti *stante* li l-esponenti mhumiex qegħdin jattakkaw il-pussess tal-intimati fil-perjodu qabel il-31 ta' Mejju 2011; (d) illi l-esponenti ma jistgħux jifhmu liema tip ta' titolu l-intimati qegħdin jippretendu li akkwistaw permezz tal-preskrizzjoni u għal kull buon fini jenfasiżżaw li l-intimati qatt ma okkupaw il-fond *'uti domini'* imma biss kif allokat lill-intimat Alfred Camenzuli mid-dipartiment li kellu l-pussess legali permezz tal-ordni ta' rekwiżizzjoni numru 14364 maħruġ fid-19 ta' Marzu 1987; (e) illi t-talba tad-danni hija ġuridikament inostenibbli għaliex kull persuna għandha dritt tipproponi kawża biex tissalvagwarda d-drittijiet tagħha.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati solidament bejniethom inġunti minn issa in subizzjoni.

Rat l-affidavits;

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mir-rikors promotur l-atturi qed jitolbu l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-fond imsemmi fl-istess rikors; huma qed jibbażaw it-talba tagħhom billi skont huma, li l-konvenuti ma għandhom ebda titolu biex joqogħdu fih.

Illi l-konvenuti qed jeċċepixxu illi mhux minnu li ma għandhom ebda titolu jgħixu fil-fond u li l-istess fond kien ġie assenjat lilhom mid-Dipartiment tad-djar .

Illi dwar il-fatti ma tantx hemm wieħed x'jissofferma fit-tul. Ma hemmx kwistjoni li l-fond kien rekwiżizzjonat skont l-Att dwar il-Housing tal-1949, u din ir-rekwiżizzjoni, skont ix-xhud Carmen Azzopardi (rappreżentanta tal-Awtorita' tad-Djar illi issa tikkomprendi ukoll id-Dipartiment tad-Djar) din l-ordni ma għadhiex viġenti. Jirriżulta mill-atti prodotti anke mill-istess konvenuti li huma kienu żgassaw il-fond in kwistjoni u l-ordni ta' rekwiżizzjoni ħarġet wara li d-dipartiment irrikonoxxihom bħala l-ikwilini u kien hemm żmien meta huma ħallsu l-kera lid-Dipartiment tal-Housing. Eventwalment, kif ingħad, il-fond ġie derekwiżizzjonat.

Illi ġie osservat fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Saviour Zammit vs Joseph Galea et"**, deċiża fit-30 ta' Marzu 2001, illi l-kliem *'bla titolu'* espressa f'att ġudizzarju promotur:

*"kellu jinqara fis-sens limitat li l-Qorti kellha tindaga u tistabbilixxi l-eżistenza tat-titolu fil-konfront tal-atturi li jkun ippropona l-kawża kontra l-konvenuti li jkun qiegħed jokkupa l-fond tiegħu. Ma kienx allura biżżejjed għall-konvenut illi hu jkun qiegħed jippossjedi l-fond bis-saħħa ta' relazzjoni ġuridika leġittima, kienet x'kienet, li kellu ma xi ħadd, kien min kien. Kellu jipprova illi tali relazzjoni ġuridika leġittima kienet teżisti bejnu u bejn l-atturi."*

Illi din il-Qorti ġja' kellha okkażjoni tippronunzja ruħha f'żewġ każi kważi simili: **"Calcedonio Borg vs Philip Abela"**, deċiża fil-11 ta' Lulju 2011, u **"Giovanna Casha vs Maria Dolores Xuereb"** deċiża fit-28 ta' Novembru 2011. Fiż-żewġ każi l-Qorti kkummentat hekk:

*"Il-problema għall-attur / attriċi hija li huwa ben saput li skont diversi sentenzi tal-Qrati tagħna mogħtija li s-Segretarju tad-djar taħt il-liġi msemmija kien isir il-pussessur tal-fond rekwiżizzjonat minnu – per eżempju fil-kawża **"Dottor Francesco Masini noe vs Wilfred Podesta' noe"** deċiża fid-29 ta' April 1963 fejn intqal ċar illi ir-requisition order jimporta disposessament tas-sid tal-fond. (dan l-insenjament ġie approfondit imbagħad aktar tard fil-kawża kostituzzjonali **"Ferro vs Segretarju tad-Djar"** fejn intqal ċar li malli s-Segretarju tad-djar kien joħroġ ordni ta' rekwiżizzjoni ta' fond huwa kien immedjatament isir il-possessur validu tal-fond). F'dan is-sens wieħed anke jirriskontra sentenza aktar riċenti bħal dik tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet **"Cilia vs Grech"** tat-12 ta' Ottubru 2001. Għalhekk bil-bdil tal-pussess ossija bl-ordni ta' derekwiżizzjoni, ma sar ebda tibdil fil-pożizzjoni legali tal-konvenut bħala l-kerrej tal-fond u huwa baqa' jgawdi l-protezzjoni akkordata mill-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attur allura taħt il-ligijiet ordinarji (hawnhekk wieħed jinkludi l-Kap. 69 ), ma jistax jiżgombra lill-konvenut; naturalment salv id-drittjiet u rimedji oħra li jista' jkollu f'kamp ieħor."*

Illi għandu jingħad illi din l-aħħar parti ma applikatx għall-każ **"Casha vs Xuereb"**, għal dan il-każ, għaliex l-ordni hemmhekk ma ġietx revokata kif pero' ġiet revokata fil-kawża **"Borg vs Abela"** u f'dik odjerna. Stabbilit dan ma hemmx lok ta' aktar indaġini.

Illi l-Qorti tissimpatiżża ħafna mal-atturi speċjalment f'dan il- każ u ma għandha ebda simpatija mal-mod kif il-konvenuti daħlu fil-fond u eventwalment ġew protetti mill-awtoritajiet f'dak iż-żmien iżda ma tistax tagħti r-rimedju lill-atturi f'din l-istanza biex tkun konsistenti ma' dawn is-sentenzi.

Illi kif ġja' ntqal il-konvenuti ppreżentaw addirittura kontro-talba u l-Qorti ma tifhimx l-utilita' tagħha. It-talbiet tagħhom huma għal kollox inutili u tabilħaqq teżorbita kull limiti ta' diċenza u sens ta' proporzjon; addirittura qed jitolbu d-danni wara li gawdew il-fond in kwistjoni għal dawn is-snin kollha a skapitu tas-sidien. Fuq kollox, il-kontro-talba ma għandha ebda valur għall-istess konvenuti. Il-Qorti pero' jkollha tilqa' l-ewwel talba tal-kontro-talba minħabba dak li ġja' ntqal.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti tiċħad it-talbiet attriċi.**

**Fir-rigward tal-kontro-talba tilqa' t-tielet talba u tiċħad it-talbiet l-oħra billi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.**

**L-ispejjeż tat-talba attriċi huma bla taxxa, filwaqt li dawk tal-kontro-talba jkunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------